MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2012/2002

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Dorianne Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' Lm914.29c (disa' mija w erbatax-il lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' uzu ta' mobile phone.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li qalet li t-talba hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-kap. 16 u li minghajr pregudizzju t-telefonati in kwistjoni ma sarux mill-konvenuta.

Sema' x-xhieda, ra d-dokumenti u n-nota tas-socjeta' attrici.

**Ikkunsidra**

Li dwar il-preskrizzjoni l-konvenuta taghmel referenza ghall-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili minghajr ma ssemmi liema Sub-Artikolu ta’ 2148 ghandha tapplika f’dan il-kaz. Illi hija d-dover ta’ min jecepixxi l-preskrizzjoni li jsemmi l-Artikolu tal-ligi bi precizjoni. Illi f’kull kaz hemm kuntratt bejn il-partijiet u ghalhekk l-Artikolu msemmi mill-konvenuta mhux applikabbli ghal dawn il-fatti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li t-telefonati ma sarux mill-konvenuta, t-Tribunal ikkunsidra l-fatti kollha u jasal ghall-konkluzjoni li anki din l-eccezzjoni hi nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-fatt biss (anki jekk pruvat) li s-sejhiet tat-telefon ma sarux mill-konvenuta ma jfissirx li hi m’hijiex responsabbli ghalihom.

Fix-xhieda l-konvenuta tghid li hi tilfet il-mobile phone u rraportat dan il-fatt billi cemplet lis-socjeta’ attrici.

Illi mill-provi dan it-Tribunal mhux konvint li l-mobile phone nsteraq ghaliex hemm hafna calls fuq l-istess numri li kienu saru wara l-allegat serqa. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet tircievi statements regolari u kien biss f’Awissu, 2000 li kitbet ittra fejn qalet li “haduli l-mobile”. M’hemmx rapport lill-pulizija dwar is-serqa tal-mobile phone.

Illi l-konvenuta kellha d-dover li tipprova s-serq tal-mobile phone, li ghamlet rapport fil-hin u li hallset xi ammont mill-ammont dovut. Illi l-konvenuta naqset li tipprova dawn it-tlett allegazzjonijiet.
Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm914.29c (disa’ mija w erbatax-il lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu).

Bl-ispejjez u bl-imghax mis-7 ta’ Settembru, 2002 kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------